ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 10 ta' Novembru, 2025

Talba Nru: CCT120/25/DS

Frances Ellul

Vs

World Marketing Services Ltd.

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Ġunju, 2025 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tirrifondiha l-ammont ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€625) u somma f'kumpens u f'danni inkorsi mill-esponenti kawża ta' xogħol negliġenti u ħazin li sar mis-soċjeta' konvenuta jew mill-impjegati tagħha;

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ daħħlet risposta fis-16 ta' Lulju, 2025;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pużizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda prodotti, bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi l-attriċi kkonfermat il-punti essenzjali tat-talba tagħha, bl-informazzjoni illi niżżlet fiha, taħt ġurament kif ukoll żiedet xi nformazzjoni addizzjonali permezz tax-xhieda tagħha.

Illi s-soċjeta' intimata tat ir-risposta tagħha fejn spjegat għaliex fl-opinjoni tagħha dak mitlub ma setgħax jintlaqa' minnha.

Illi l-fatti in sunċint huma s-segwenti: Illi l-attriċi xtrat reverse osmosis għall-preżż ta' sitt mija u ħamsa u għoxrin Ewro (€625) u allegat illi waqt l-istallazjoni saritilha l-ħsara. L-apparat twaħħal fl-10 ta' April, 2024 u għadu mwaħħal sal-lum. L-attriċi kienet bagħtet ittra legali lis-soċjeta' intimata liema soċjeta' intimata jidher illi provat tikkuntattja lill-attriċi li fi kliemha qaltilhom illi "kienu diġa jafu...għax kienu rċevew l-ittra tal-avukat kif ukoll komunikazzjoni mingħand l-MCCAA". Hija qalet ukoll illi kienu marru d-dar tagħha u qalulha li kienu ġew biex jagħmlu t-testing fuq ir-reverse osmosis u qaltilhom li dak il-ħin ma setgħux u offrew li jiġu darb'oħra pero' ma ratx l-utilita u qalet ukoll illi mbgħad m'aċċettatx illi jmorru jiċċekjaw x'inhi l-ħsara.

Illi t-Tribunal jinnota illi la fl-informazzjoni mgħotija lit-tribunal u lanqas fix-xhieda għajr ritratt ma hemm xi prova ta' fhiex kienet tikkonsisti l-ħsara li qiegħda tallega l-attriċi u f'hiex jikkonsistu l-pretenzjonijiet monetarji tagħha.

Illi f'dan l-isfond dan it-Tribunal ma jsibx illi t-talba tal-attriċi hija ġustifikata fil-liġi mix-xhieda li ngħatat u mill-provi dokumentarji illi ġew prodotti fl-atti u għaldaqstnat m'hemmx bażi legali sabiex din it-talba tiġi akkolta.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha għandha tiġi miċħudha fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi tiċħad it-talba tal-attriċi.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru